MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 506/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Eugenio Gauci**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Eugenio Gauci, bin il-mejjet Anthony u Carmela nee' Balzan, imwieled Tarxien fil-31 ta' Jannar 1959, residenti 6, Triq Vincenz Ferreri, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 159759(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-11 ta' Gunju 2008 ghall-habta tad-09:30am gewwa Triq Melita Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li

jqieghed il-hajja ta’ Anthony Friggieri f’ periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ l-istess Anthony Friggieri ta’ 62 sena, persuna li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena, liema offiza hija kkwalifikata bhala gravi minhabba li ggib mankament jew sfregju fil-wicc skond kif iccertifikat minn Dr. Jason Debono Reg. 2781 mic-Centru tas-Sahha ta’ Floriana.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ Gunju 2008 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2008 l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ bejn l-imputat u l-parti civili Antonio Friggieri fil-11 ta’ Gunju 2008 ghall-habta tad-9.30am, fl-entratura tad-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien u ghadu impjegat fl-imsemmi dipartiment filwaqt li l-allegat vittma, illum irtirat ukoll kien jahdem f’dan id-Dipartiment. Irrizulta wkoll li fil-gurnata msemmija l-allegat vittma mar izur lil shabu fuq il-post tax-xoghol u malli kien diehel iltaqa’ mal-imputat li avvicinah sabiex ikellmu dwar xi incidenti li kienu inqalaw bejniethom precedentement fejn l-imputat kien Ta’ Qali flimkien ma martu u bintu u ltaqa’ ma’ Antonio Friggieri li qallu kliem fis-sens li kien ser javvicinah sabiex jaghtih daqqa ta’ mus. F’okkazzjoni ohra ntqal lill-imputat li l-parti civili kien qal kliem dispreggjattiv lil shabu fil-konfronti ta’ mart u bint l-imputat. Il-parti civili meta xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2008 qal li huwa kien qed jiccajta meta ghadda l-kumment dwar il-

mus u spjega li fil-fatt meta ghadda dan il-kumment l-imputat qabad u telaq l’hemm minghajr ma qallu xejn aktar. L-imputat min-naha tieghu jammetti li huwa kien xejjer daqqa ta’ ponn lejn il-parti civili ghaliex kien irrabjat li dan tal-ahhar ma tax kasu meta mar sabiex jikkonfrontah dwar l-incident precedenti.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat giet pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti l-imputat stess meta xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2009 ikkonferma li huwa kien xejjer daqqa ta’ ponn lejn il-parti civili. Inoltre mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Jason Debono (esebit a fol. 16 tal-process) kif ukoll mix-xhieda tal-istess Dr. Jason Debono li xehed fl-udjenza tal-11 ta’ Dicembru 2008 jirrizulta li l-griehi kagunati lil parti civili mill-imputat kienu ta’ natura gravi minhabba li huwa kellu bzonn ponti fil-wicc. Irrizulta wkoll li dakinhar stess il-partijiet kienu diga’ rrangaw il-pendenzi ta’ bejniethom u li dan kien incident ta’ darba li beda b’cajta u mbaghad eskala stante li kien hemm element ta’ provokazzjoni min-naha tal-parti civili Antonio Friggieri. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi, anki ghaliex l-imputat ghandu fedina penali netta, ghandha tapplika il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 216 u 222A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

B’applikazjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt Euro (€500) ghal zmien 12 il-xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Antonio Friggieri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------